# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR. SILVIO MELI**
**LL.D.; Dip.Stud.Rel.; Dip.Can.Matr. Jur. & Proc.;**
**Cert.Jur. & H.R. (Strasbourg);**
**P.G. Dip. European Competition Law (King's College, London),**
**P.G. Dip. European Law (King's College, London).**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta 9 ta' Lulju tas-sena 2002.**

**Numru   18**

**Avviz  numru     1654/00/SM**

**Vincent Dougall**

**vs**

**Martin Curmi**

**Il-Qorti,**

**Rat l-avviz fuq indikat datat 30 ta'Novembru tas-sena 2000 li permezz tieghu l-attur sejjah lill-konvenut quddiem din il-qorti sabiex jghid ghaliex m'ghandux ikun ikkundannat:**

1. **Ihallas l-ammont ta' sitt mija wiehed u erbghin Lira Maltin u erbgha u sebghin centezmu, (Lm641.74,0) jew somma ohra iffisata mill-Qorti rapprezentanti l-ammont dovut fuq l-appogg li hemm ezistenti bejn il-partijiet liema ammont huwa dovut mill-intimat jigifieri l-konvenut a favur l-attur;**

**2. Bl-ispejjez u l-konvenut huwa ngunt ghas-subizzjoni;**

**Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet datata l-14 ta' Gunju tas-sena 2001 li permezz taghha l-konvenut eccepixxa s-segwenti:**

**1. Illi t-talbiet tal-attur hija esagerata stante li l-ammont dovut ghall-appogg bejn il-fondi rispettivi tal-partijiet ma jammontax ghall-LM641.74,0 kif pretiz mill-attur, imma huwa ferm anqas;**

**2. Salve eccezzjonijiet ulterjuri kemm-il darba jkun il-kaz;**

**Rat ukoll il-kontro-talba tal-konvenut datata l-14 ta' Gunju tas-sena 2001 senjatament:**

**1. Illil l-attur ikkaguna danni fil-hajt divizorju ta' bejn il-fond 440, Triq Dun Amabile Sisner, Pembroke, propjeta' tal-attur u l-fond 439, Triq Dun Amabile Sisner, Pembroke, proprjeta' tal-konvenut;**

**2. Illi ghalkemm l-esponenti sejjah lill-attur sabiex jikkumpensah tad-dannu minnu kkagunat, fl-ammont ta' mitt lira Maltin (Lm100) jew somma ohra verjuri, dan baqa' inadempjenti.**

**Ghaldaqstant l-esponent jitlob bir-rispett li din l-Onor Qorti:**

**a. tiddikjara li l-attur ikkaguna danni lill-konvenut fil-hajt divizorju bejn il-propjetajiet taghhom f'Pembroke;**

**b. tillikwida d-danni hekk ikkagunati f'ammont ta' mitt Lira Maltin (Lm100) jew somma ohra verjuri stabbilita minn perit arkitett mahtur ghal dan il-ghan;**

**c. tikkundanna lill-attur sabiex ihallas lill-konvenut dik is-somma li tigi hekk likwidata in linea ta' danni;**

**d. bl-ispejjez kontra l-attur;**

**Innotat li l-attur baqa' ma wegibx ghall-istess kontro-talba intavolata fil-konfront tieghu;**

**Semghet ix-xhieda prodotta;**

**Rat id-dokumenti esebiti, inkluza r-relazzjoni peritali;**

**Semghet it-trattazzjoni orali tar-rapprezentanti legali tal-partijiet;**

**Ikkonsidrat:**

**Illi l-fatti li taw lok ghall-procedura odjerna jistghu jigu sintetikament kompilati bil-mod odjern:**

1. **Illi l-kaz odjern jirrigwarda appogg ezistenti bejn proprjeta' tal-partijiet senjatament il-fond numru 440, Triq Dun Amabile Sisner, Pembroke, proprjeta' ta' l-attur u l-fond numru 439, fl-istess triq, proprjeta' tal-konvenut;**

2. **Illi din il-qorti ezaminat funditus ir-relazzjoni peritali u tiddikjara li qed tistrieh fuqha;**

3. **Illi l-istess espert tekniku ikwantifika l-ammont globali li l-konvenut gie ritenut ihallas lill-attur ghar-ragunijiet indikati fl-avviz odjern hu ammontanti ghall-seba' mija u erba' u erbghin Lira Maltin u tlieta u erbghin centezmu, (Lm744.43,0);**

4. **Illi pero' l-istess espert ikkonstata danni ammontanti ghall-mitejn u hamsin Lira Maltin, (Lm250.00,0), leima somma ghanda tigi mnaqqsa mis-somma indikata fil-paragrafu precedenti;**

**Ghaldaqstant din il-qorti filwaqt li tirrespingi l-eccezzjonijiet sollevati nkluza wkoll il-kontro-talba tal-konvenut, tiddeciedi illi tilqa' t-talba attrici u :**

1. **Tiddikjara li l-konvenut hu responsabbli ghall-appogg meritu tal-kawza odjerna;**

2. **Tillikwida l-ammont komplessiv ta' l-imsemmi appogg ekwivalenti ghal erba' mija u erba' u disghin Lira Maltin u tlieta u erbghin centezmu, (Lm494.43,0);**

3. **Tikkundanna lill-konvenut Martin Curmi biex ihallas l-ammont hekk likwidat lill-attur Vincent Dougall, bl-ispejjez u bl-imghaxijiet skond il-ligi.**

**John Farrugia**
**Deputat Registratur**